# France, Germany, Switzerland

## Incl. The Black Forest & Europa Park

**INŻURU:** Mulhouse, Strasbourg, Colmar, Titisee, St. Peter's Triberg, Europa Theme Park, Zurich, Lucerne, Interlaken, Mannlichen Mountain u Rhine Falls.

**Grupp A:** 09 - 16 ta' Lulju
**Grupp B:** 16 - 23 ta' Lulju
**Grupp C:** 23 - 30 ta' Lulju
**Grupp D:** 30 ta' Lujlu - 06 t' Awwissu
**Grupp E:** 06 - 13 t' Awwissu
**Grupp F:** 13 - 20 t' Awwissu
**Grupp G:** 20 - 27 t' Awwissu
**Grupp H:** 27 t' Awwissu - 03 ta' Settembru
**Grupp I:** 03 - 10 ta' Settembru
**Grupp J:** 10 - 17 ta' Settembru
**Grupp K:** 08 - 15 ta' Ottubru

### IS-SIBT
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fin-12:20 għal titjira KM490 li ttir fis-14:20. Naslu Zurich fil-16:45. Transfer lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza**, li jinsab fuq pjanura bejn **il-muntanji Vosges u x-xmara Rhine**. Din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' madwar 112,000 persuna. Mal-wasla tagħna ġewwa **Mulhouse** nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Bristol** li tinsab fiċ-ċentru ta' din il-belt. Sistemazzjoni tal-kmamar u għal dawk li ħadu s-suppliment tal- half board, l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

### IL-ĦADD
Wara li nieħdu Buffet Breakfast, nitilqu għall-eskursjoni mill-isbaħ fil-qalba tal-Bernese Oberland ġewwa l-Iżvizerra fejn flimkien se nżuru Interlaken u Trümmelbach Falls. Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Lauterbrunnen fejn fost xenarju mill-aqwa, se naraw għadd ta' nixxiegħat tal ilma fuq iż-żewġ naħat tat-triq sa ma naslu **Trümmelbach Falls**. Hawn ser naraw il-kaskati famużi Trümmelbach (dħul extra) - 10 kaskati glejsjers li jinsabu ġewwa l-muntanja u mnejn l-ilma jinżel b'saħħa ta' 20,000 litru fis-sekonda. Esperjenza mill-isbaħ

Cover Photo, Europa Park: Paii VeGa / Shutterstock.com





li żgur ma tintesa qatt! Nitilqu lejn **Grindelwald** biex naqbdu l-cable car **(extra)** u nitilgħu fuq il-muntanja **Männlichen** mnejn ingawdu xenarju mill-aqwa tal-muntanji u l-villaġġi tal-madwar. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Interlaken** fejn nagħmlu dawra mal-leader u mill-Höhematte naraw il-panorama sabiħa tal-muntanji **Jungfrau u Eiger.** Nirritornaw lura l-lukanda.

### IT-TNEJN
Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Strasbourg u Riquewihr** ġewwa Franza. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa Strasbourg, belt eleganti u t' importanza kbira. Flimkien mal-gwida tal-lokal se nżuru l-kwartieri tal-Petite France, Palais de l'Europe, European Parliament, L'Orangerie u l-famuż Katidral Notre-Dame ta' Strasbourg. Ikollna ħin liberu. Iktar tard wara nofsinhar inħallu l-belt ta' Strasbourg u mmorru lejn il-villaġġ medjevali u tant ħelu ta' Riquewihr. Villaġġ b'arkitettura priservata ferm tajjeb u fejn iż-żmien donnu waqaf. In-nies ta' dan il-post jgħixu ħajja trankwilla u l-industrija ewlenija tagħhom hija l-inbid. Niskopru flimkien dan il-villaġġ żgħir b'toroq iċċangjati u li mhumiex aċċessibli għall-karozzi. Hawnhekk inkunu nistgħu naraw il-ħafna ħwienet fosthom il-ħanut tal-Milied li jkun miftuħ is-sena kollha, cafés, fran, ristoranti u anke lukandi, bjar qodma, funtani antiki u djar ikkuluriti li fuq il-bjut tagħhom ibejtu ċ-ċikonji. Nirritornaw lura l-lukanda. Filgħaxija ħarġa mal-leader fejn immorru nkomplu niskopru l-belt ta' Mulhouse.



**8** T'IJIEM

MINN € **835** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €885 | €835 |
| Kamra żewġ persuni | €890 | €840 |
| Kamra ta' persuna waħda | €970 | €920 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €630 | €580 |
| Half board għall-adulti (6 ikliet) | | €85 |
| Kids Meal | | €40 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal-Air Malta: Malta - Zurich - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats u cable cars mhux inklużi)
- 7 iljieli fil- Hotel Bristol 3 star fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Kmamar b'arja kkondizzjonata
- Buffet Breakfast kontinentali
- Taxxi tal- ajruport, City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### IT-TLIETA
Iż-żjara tal-lum teħodna fil-belt sabiħa ta' **Lucerne** ġewwa l-Iżvizzera u l-belt kapitali tal-cantoon li jġib l-istess isem. Fost oħrajn naraw il-famuż Wooden Bridge li hu landmark tal-belt u l-knisja tal-Ġiżwiti mibnija fuq stil barokk. Inkomplu lejn l-Old Town bit-toroq pittoreski tagħha u naraw it-Town Hall u l-Lion Monument – monument f'ġieħ il-gwardji Żvizzeri li nqattlu waqt ir-revoluzzjoni Franċiża. Wara l-mawra mal-belt ikollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Min irid jista' jagħżel li jmur cruise **(extra)** mal-Lag ta' Lucerne. Nirritornaw lura l lukanda.

### L-ERBGĦA
Ġurnata ta' divertiment kemm għaż-żgħar u kemm għall-kbar ġewwa l-**Europa Park**, l-akbar theme park fil-Ġermanja (dħul extra). Hawn insibu dak kollu li wieħed jixtieq jara f'dinja tal-ħolm u t' avventuri bħall- roller coasters, canoeing, shooting alleys, ghost trains, shows spettakolari u ħafna aktar attrazzjonijiet li żgur iġegħluk tqatta' ġurnata li ma tinsa' qatt. Bil-biljett tista' tagħmel użu kemm trid mir-rides u x-shows li jkun hemm. Nirritornaw lura l-lukanda.

### IL-ĦAMIS
Inżuru l-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid reġjonali t' Alsace. Nagħmlu dawra bil-ferrovija turistika (extra) u napprezzaw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi, kif ukoll 'l hekk imsejħa **Little Venice** – kwartier mimli kanali li proprju jfakkruna fil-belt ta' Venezja. Naraw ukoll id-dar ta' Bartholdi - skultur li ddisinja l-Istatwa tal-Libertà fi New York. Mhux ta' b'xejn ħafna jirreferu għal **Colmar** bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar tal-Ewropa! Nirritornaw lura l-lukanda, ħin liberu għal shopping iżda min irid jista jżur il-famuż **Museum D'Automobile**. Filgħaxija mmorru għal drink.

### IL-ĠIMGĦA
Skopri magħna l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa **l-Ġermanja**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **St. Peter's** fejn nieqfu għal sightseeing. Wara nibqgħu sejrin lejn **Triberg** li hu riżort muntanjuż fejn jinħadmu l-**Cuckoo Clocks u l-Music Boxes**, kollu xogħol tal-idejn min-nies tal-lokal. Inżuru l-famużi **Triberg Waterfalls** (**dħul extra**) u nkomplu nitpaxxew bil-ġmiel ta' dan il-post. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Titisee**, post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tal-veduti tiegħu. U waqt li nkunu hemm x'hemm isbaħ minn passiġġata madwar il-Lag ta' Titisee jew xi biċċa kejk Black Forest tajba! Nirritornaw lura l-lukanda.

### IS-SIBT
Breakfast, nitilqu bil-coach lejn **Neuhausen** fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru il-famużi **Rhine Falls**- fost l-aktar spetakolari fl-Ewropa. Ser ingawdu ġmiel tan-natura, x'hemm isbaħ min passiġata madwar dawn il-kaskati meraviljużi, ikollna ħin għall-ikel (extra). Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' **Zurich** b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu check-in għat-titjira KM 491 li ttir fis-17.40 u tasal lura Malta fit-19.50.

